I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tas-6 ta' Mejju 2020**

**dwar ir-riskji tal-likwidità fil-fondi ta' investiment**

**(BERS/2020/4)**

(2020/C 200/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) Il-pandemija tal-marda tal-coronavirus 2019 (COVID-19) u l-miżuri ta' trażżin assoċjati u meħtieġa jirrappreżentaw xokk serju u bla preċedent għall-ekonomiji Ewropej. F'dan l-isfond, fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' April 2020, il-Bord Ġenerali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ħabbar li kien ser jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq ħames oqsma ta' prijorità fejn il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet fl-Unjoni x'aktarx li kienet partikolarment importanti biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni ([3]). Wieħed mill-ħames oqsma ta' prijorità huwa relatat mal-likwidità tas-suq finanzjarju u l-implikazzjonijiet għall-maniġers tal-assi u l-assiguraturi.

(2) It-tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-assi osservat fil-bidu tal-pandemija COVID-19 kien akkumpanjat minn tifdijiet sinifikanti minn ċerti fondi ta' investiment u deterjorament sinifikanti fil-likwidità tas-suq finanzjarju. Filwaqt li l-kundizzjonijiet tas-suq sussegwentement stabbilizzaw, l-aktar minħabba azzjonijiet deċiżivi meħuda mill-banek ċentrali, l-awtoritajiet superviżorji u l-gvernijiet fl-Unjoni u globalment, għad hemm inċertezza sinifikanti dwar il-prospetti makrofinanzjarji.

(3) Il-valutazzjonijiet preċedenti tal-BERS ([4]) ta' intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja enfasizzaw vulnerabbiltajiet potenzjali li joħorġu minn fondi ta' investiment li għandhom perjodi qosra ta' tifdija, iżda jinvestu f'assi inqas likwidi. Diskrepanzi bħal dawn fil-likwidità jżidu r-riskju ta' aktar pressjonijiet fuq il-valwazzjonijiet tal-assi fi żminijiet ta'

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([3]) Ara l-istqarrija għall-istampa maħruġa wara l-laqgħa tal-Bord Ġenerali tal-BERS tat-2 ta' April 2020, disponibbli fuq: https://www.esrb.europa.eu/news/pr/date/2020/html/esrb.pr200409~a26cc93c59.en.html
([4]) Ara, pereżempju, l-EU Non-bank Financial Intermediation Risk Monitor 2019 (Il-Monitor annwali tar-riskju għall-Intermedjazzjoni Finanzjarja Mhux Bankarja tal-UE għall-2019), disponibbli fuq: https://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/reports/nbfi_monitor/esrb.report190717_NBFImonitor2019~ba7c155135.en.pdf?aad1f4a011a6d589537645242475aa89

stress, jekk il-fondi ta' investiment ifittxu li jbiegħu assi inqas likwidi fuq perjodu qasir ta' żmien biex jissodisfaw it-tifdijiet. Dan jista' jwassal għal telf akbar fil-valwazzjoni skont is-suq minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra bi skoperturi għall-istess assi jew assi korrelatati, jew għal issikkar f'daqqa tal-kundizzjonijiet finanzjarji.

(4) Ir-regoli eżistenti tal-Unjoni jinkludu obbligi speċifiċi għal kumpaniji tal-ġestjoni tal-fondi fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji tal-likwidità fir-rigward tal-fondi li jiġġestixxu ([5]). Għall-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), il-profil tal-likwidità tal-investimenti tal-UCITS għandu jkun xieraq għall-politika ta' tifdija stabbilita fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni jew fil-prospett. Bl-istess mod, għal fondi ta' investiment alternattiv (AIFs) l-istrateġija tal-investiment, il-profil tal-likwidità u l-politika tat-tifdija għandhom ikunu konsistenti ([6]). Dawn ir-regoli huma kkomplementati minn linji gwida tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar l-ittestjar tal-istress tal-likwidità f'UCITS u AIFs għal maniġers ta' fondi biex jittestjaw regolarment ir-reżiljenza tal-fondi tagħhom għar-riskju tal-likwidità f'kundizzjonijiet ta' likwidità normali u eċċezzjonali ([7]).

(5) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mfassla biex ittejjeb l-istat ta' tħejjija biex wieħed ikun jista' jirrispondi għal xokkijiet negattivi potenzjali fil-futur li jistgħu jwasslu għal deterjorament fil-likwidità tas-suq finanzjarju, li jirriżulta f'implikazzjonijiet negattivi potenzjali għall-kundizzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni.

(6) Il-BERS jirrikonoxxi li s-settur tal-fondi ta' investiment fl-Unjoni huwa kbir u divers. B'kunsiderazzjoni ta' dan, il-BERS identifika żewġ segmenti bħala oqsma ta' prijorità partikolarment għolja għal skrutinju msaħħaħ mill-perspettiva tal-istabbiltà finanzjarja.

(7) L-ewwel wieħed minn dawn is-segmenti huwa l-fondi ta' investiment bi skoperturi sinifikanti għad-dejn korporattiv. Ftit wara l-bidu tal-pandemija COVID-19, kien hemm tifdijiet sinifikanti minn fondi ta' investiment li jinvestu f'dejn korporattiv. Barra minn hekk, il-fondi ta' investiment għandhom proporzjon sinifikanti tal-istokk ta' bonds korporattivi mhux finanzjarji pendenti fl-Unjoni. Kwalunkwe pressjonijiet ta' tifdijiet futuri minn fondi miftuħa b'perjodi qosra ta' tifdija jistgħu jirriżultaw f'maniġers ta' fondi li jbigħu malajr assi inqas likwidi, u b'hekk jikkontribwixxu għal deterjorament fil-kundizzjonijiet ta' likwidità fis-swieq tad-dejn korporattiv. Dan jista' jkollu effetti sekondarji negattivi fuq istituzzjonijiet finanzjarji oħra li għandhom skoperturi għal dawn l-assi – bħal kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi tal-pensjonijiet jew banek – jew impatt negattiv fuq l-ispiża u d-disponibbiltà ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

(8) It-tieni segment identifikat mill-BERS bħala qasam ta' prijorità partikolarment għolja għal skrutinju msaħħaħ minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja huwa l-fondi ta' investiment bi skoperturi sinifikanti għall-proprjetà immobbli. Ir-restrizzjonijiet tas-saħħa pubblika meħtieġa biex titrażżan il-firxa tal-COVID-19 jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis fil-volum tat-tranżazzjonijiet tas-suq tal-proprjetà immobbli u żieda fl-inċertezza tal-valutazzjoni. Il-fondi ta' investiment fil-proprjetà immobbli huma stmati li jżommu madwar terz tas-suq tal-proprjetà immobbli kummerċjali tal-Unjoni. Tifdijiet futuri minn fondi ta' investiment li għandhom investimenti sinifikanti fil-proprjetà immobbli jistgħu jikkontribwixxu għal pressjoni 'l isfel fuq il-valutazzjonijiet tal-proprjetà immobbli jekk ikunu akkumpanjati minn bejgħ ta' assi fil-proprjetà immobbli f'ambjent ta' volumi baxxi ta' tranżazzjonijiet. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra li għandhom skoperturi għall-proprjetà immobbli, inkluż dawk li jużaw il-proprjetà immobbli bħala kollateral għas-self.

(9) L-iżgurar li s-sistema finanzjarja fl-Unjoni tgħin biex tassorbi, minflok tkabbar, ix-xokk tal-COVID-19 jeħtieġ koordinazzjoni sinifikanti kemm bejn l-awtoritajiet superviżorji responsabbli għal segmenti differenti tas-swieq finanzjarji kif ukoll bejn il-fruntieri. Dan huwa partikolarment il-każ għall-attivitajiet tas-swieq kapitali, inkluż dawk imwettqa minn fondi ta' investiment, fejn il-flussi transkonfinali huma kbar u l-funzjonament bla xkiel ta' tali attivitajiet jiddependi fuq għadd ta' atturi fis-sistema finanzjarja kollha.

([5]) Ara l-Artikolu 40(4) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti organizzazzjonali, il-konflitti ta' interess, it-tmexxija tan-negozju, il-ġestjoni tar-riskji u l-kontenut tal-ftehim ta' bejn depożitarju u kumpanija maniġerjali (ĠU L 176, 10.7.2010, p. 42).

([6]) Ara l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

([7]) ESMA, Rapport Finali: Linji gwida dwar l-ittestjar tal-istress tal-likwidità f'UCITS u AIFs, 2 ta' Settembru 2019, disponibbli fuq: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma34-39-882_final_report_guidelines_on_lst_in_ucits_and_aifs.pdf

(10) Il-BERS jirrikonoxxi l-ħidma ta' prijorità għolja li bħalissa qed issir mill-ESMA dwar it-tisħiħ tal-konverġenza superviżorja dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-maniġers tal-fondi. Dan jinkludi l-Azzjoni Superviżorja Komuni dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-maniġers tal-UCITS imħabbra fl-2020 ([8]) u l-koordinazzjoni kontinwa tal-azzjonijiet superviżorji tal-ESMA fid-dawl tal-COVID-19.

(11) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni.

(12) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu ppubblikati wara li jkunu ġew infurmati d-destinatarji, u wara li l-Bord Ġenerali jkun informa lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan u sakemm il-Kunsill ikollu l-opportunità li jirreaġixxi,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

**RAKKOMANDAZZJONI**

## Rakkomandazzjoni A — Il-koordinazzjoni tal-impenn superviżorju mal-fondi ta' investiment biex jiġi vvalutat l-istat ta' tħejjija tagħhom

Huwa rakkomandat li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA):

1. tikkoordina mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex twettaq eżerċizzju superviżorju ffukat ma' fondi ta' investiment li għandhom skoperturi sinifikanti għad-dejn korporattiv u għall-assi fil-proprjetà immobbli biex tivvaluta t-tħejjija ta' dawn iż-żewġ segmenti tas-settur tal-fondi ta' investiment għal xokkijiet negattivi potenzjali fil-futur, inkluż kwalunkwe tkomplija potenzjali ta' tifdijiet sinifikanti u/jew żieda fl-inċertezza tal-valwazzjoni; u

2. tirrapporta lill-BERS dwar l-analiżi tagħha u dwar il-konklużjonijiet milħuqa rigward l-istat ta' tħejjija tal-fondi ta' investiment rilevanti.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

## 1. Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità nazzjonali kompetenti" (ANK) tfisser l-awtorità kompetenti kif iddefinita fl-Artikolu 2(1)(h) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jew fl-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]);

(b) "fond ta' investiment" tfisser: (i) impriża għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif iddefinit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE li ġiet awtorizzata skont l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva; u (ii) fond ta' investiment alternattiv kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE.

## 2. Kriterji għall-implimentazzjoni

1. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) għandu jitqies b'mod xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt illi jitqies l-għan u l-kontenut tar-rakkomandazzjoni;

(b) għandhom jiġu sodisfatti l-kriterji speċifiċi ta' konformità stabbiliti fl-Anness.

([8]) Ara l-istqarrija għall-istampa tal-ESMA tat-30 ta' Jannar 2020, disponibbli fuq: https://www.esma.europa.eu/press-news/esma-news/esma-launches-common-supervisory-action-ncas-ucits-liquidity-risk-management

([9]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([10]) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

3. **Skeda ta' żmien għas-segwitu**

1. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 id-destinatarji għandhom jikkomunikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet u jissostanzjaw kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni. L-ESMA hija mitluba tissottometti l-komunikazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2020.

4. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS għandu, fejn ikun xieraq:

   (a) jassisti lill-ESMA, billi jikkontribwixxi għal ċerti partijiet tal-analiżi minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja;

   (b) jikkoordina l-proċedura għas-segwitu;

   (c) jipprovdi assistenza fuq talba tal-ESMA.

2. Il-Bord Ġenerali se jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet ikkomunikati mill-ESMA u, fejn xieraq, jista' jiddeċiedi li din ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx segwita u li l-ESMA naqset milli tipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għan-nuqqas ta' azzjoni tagħha.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-6 ta' Mejju 2020.

*Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*f'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS.*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

**KRITERJI TA' KONFORMITÀ GĦAR-RAKKOMANDAZZJONI**

Għar-Rakkomandazzjoni A, qegħdin jiġu speċifikati l-kriterji ta' konformità li ġejjin:

1. Sabiex ikun jista' jsir eżerċizzju mmirat u f'waqtu, l-ESMA għandha tikkoordina mal-ANK sabiex:

   (a) jidentifikaw il-fondi ta' investiment fl-Unjoni li għandhom skoperturi partikolarment kbar għad-dejn korporattiv u s-swieq tal-proprjetà immobbli u li huma partikolarment importanti minn perspettiva makroprudenzjali. Billi tillimita l-ambitu tal-eżerċizzju għal dawn il-fondi, din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li tiżgura li l-eżerċizzju jkun jista' jitwettaq fil-ħin disponibbli. L-ESMA tista' wkoll tkun trid tikkunsidra karatteristiċi rilevanti oħra fl-identifikazzjoni tal-fondi, pereżempju l-frekwenza tat-tifdija u/jew il-grad ta' ingranaġġ.

   (b) jimpenjaw ruħhom b'mod immirat mas-subsett ta' fondi ta' investiment identifikati taħt il-punt (a) biex jgħinu fil-valutazzjoni tal-istat attwali tat-tħejjija tagħhom għal żieda mhux mistennija fit-tifdijiet u/jew żieda fl-inċertezza tal-valutazzjoni, inkluż li jifformaw opinjoni dwar kif dawn il-fondi jistgħu jirrispondu għal xokkijiet negattivi potenzjali fil-futur fuq medda qasira ta' żmien;

   (c) jivvalutaw l-istat ta' tħejjija tas-segmenti tad-dejn korporattiv u tal-proprjetà immobbli tas-settur tal-fondi ta' investiment u jikkunsidraw jekk hemmx bżonn ta' aktar azzjonijiet biex tittejjeb dak l-istat ta' tħejjija. B'mod partikolari, il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq ix-xokkijiet potenzjali fil-futur ta' tifdija u/jew inċertezza tal-valwazzjoni u tikkunsidra jekk hijiex meħtieġa azzjoni addizzjonali – pereżempju, gwida addizzjonali jew għall-fondi jew għas-superviżuri rigward l-użu ta' għodod ta' ġestjoni tal-likwidità u/jew it-trattament tal-inċertezza tal-valutazzjoni.

2. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala parti mill-eżerċizzju superviżorju, b'enfasi partikolari fuq oqsma li huma rilevanti minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja.

   (a) **Fondi bi skoperturi partikolarment kbar għal dejn korporattiv**

   Bħala parti minn eżerċizzju mmirat bil-fondi bi skoperturi partikolarment kbar għad-dejn korporattiv, l-informazzjoni li ġejja x'aktarx tkun partikolarment utli minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja:

   (i) *Informazzjoni biex tiġi vvalutata l-imġiba tal-fondi fil-bidu tal-pandemija COVID-19.* Din l-informazzjoni tista' tinkludi: (i) il-livell ta' tifdijiet li deher fil-bidu tal-pandemija COVID-19, meta ġew elevati tifdijiet minn firxa ta' fondi ta' bonds korporattivi; (ii) kif intużaw għodod ta' ġestjoni tal-likwidità f'dak iż-żmien, inkluż l-għodod speċifiċi attivati minn tipi ta' fondi differenti; u (iii) liema tipi ta' assi nbiegħu biex jissodisfaw it-tifdijiet u b'liema mod (pereżempju, permezz ta' vertical slicing).

   (ii) *Informazzjoni biex jiġi vvalutat l-istat attwali tal-istat ta' tħejjija.* Din l-informazzjoni tista' tinkludi deskrizzjonijiet ta': (i) is-sett ta' għodod ta' ġestjoni tal-likwidità disponibbli għall-fondi identifikati; (ii) il-mod li bih il-maniġers tal-fondi nfushom qed jippreparaw għal kwalunkwe xokkijiet negattivi possibbli fil-futur; (iii) il-mod li bih il-maniġers tal-fondi nfushom x'aktarx jirrispondu għal tkomplija possibbli tat-tifdijiet; (iv) holdings ta' assi likwidi attwali tal-fondi identifikati; u (v) l-għadd u n-natura ta' investituri fil-fond (pereżempju, investituri fil-livell ta' konsumatur kontra investituri istituzzjonali).

   (b) **Fondi bi skoperturi partikolarment kbar għall-proprjetà immobbli**

   Bħala parti minn eżerċizzju mmirat bil-fondi bi skoperturi partikolarment kbar għall-proprjetà immobbli, l-informazzjoni li ġejja x'aktarx tkun partikolarment utli minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja:

   (i) *Informazzjoni biex jiġi vvalutat il-livell attwali tal-inċertezza tal-valwazzjoni u tal-attività tat-tifdija.* Din l-informazzjoni tista' tinkludi deskrizzjonijiet ta': (i) kwistjonijiet ta' inċertezza tal-valutazzjoni li jiffaċċjaw il-fondi tal-proprjetà immobbli f'ġurisdizzjonijiet differenti, jekk ikun hemm; (ii) il-mod li bih l-għodod tal-ġestjoni tal-likwidità ġew użati sallum, inklużi l-għodod speċifiċi attivati; u (iii) id-daqs tat-talbiet ta' tifdija mill-bidu tal-pandemija COVID-19 u l-mod li bih il-fondi identifikati rrispondew għal dawn it-talbiet.

   (ii) *Informazzjoni biex jiġi vvalutat l-istat attwali tat-tħejjija.* L-informazzjoni tista' tinkludi deskrizzjonijiet ta': (i) il-karatteristiċi strutturali tal-fondi tal-proprjetà immobbli (eż. il-frekwenza tan-negozju, il-perjodi ta' notifika, eċċ.); (ii) is-sett ta' għodod ta' ġestjoni tal-likwidità li huwa disponibbli għall-fondi identifikati; (iii) il-mod li bih il-maniġers tal-fondi nfushom qed iħejju għal kwalunkwe xokkijiet negattivi possibbli fil-futur; (iv) il-mod li bih il-maniġers tal-fondi nfushom x'aktarx jirrispondu għal żieda fl-inċertezza tal-valutazzjoni/żieda fit-tifdijiet; (v) il-holdings ta' assi likwidi attwali tal-fondi identifikati; u (vi) l-għadd u n-natura tal-investituri fil-fondi identifikati (pereżempju, investituri fil-livell ta' konsumatur kontra investituri istituzzjonali).